MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Talba Numru. 565/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24665**

**Vs**

**Capella Gabrielle**
**Passaport Malti 03XK16682MT**
**u b'digriet tat-Tribunal tat-22 ta' Jannar, 2015 inbidel ghal KI. 55969A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Awissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,823.94) in konnessjoni ma' 79515080 (AC 40231728).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-9 ta' April, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' April, 2015 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,823.94) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------